**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Albert Victor Vella**

Numru: 1164/2012

Illum 20 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Albert Victor Vella** detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 200858(M), akkuzat talli:

1. f'Jannar 2009, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u dan ghad-detriment ta' Catherine Vella mill-Qawra u/jew ta' Eagle Star (Malta) Limited;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu taghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 193) datata 4 ta' Novembru 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 194), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 193), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.
Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet kongunta tal-Prosekuzzjoni u tal-*parte civile* (*a fol.* 198 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 203 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri tad-difiza (*a fol.* 232 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Yvonne Farrugia** (*a fol.* 9 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li fis-sena 2002, permezz ta' kwerela, il-Pulizija gew mitluba jaghmlu investigazzjoni *stante* li l-*parte civile* Catherine Vella kienet giet frodata ghal ammont ta' €4682.80 u dana wara li l-imputat (l-eks ragel taghha) iffalsifika l-firma taghha fuq id-dokument tal-*insurance* u rtira cekk. Spjegat x'inghad lilha minn Catherine Vella. Tispjega wkoll fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet taghha. Tghid li l-imputat ammetta maghha li d-dokument kien kitbu hu u kien hadu hu ghand l-Eagle Star (Malta) Limited fejn hemmhekk ipprezentah biex ikun jista' jiehu l-flus lura. Tghid li l-imputat qalilha li kienet martu Catherine li kienet ghamlet il-firma taghha fuq id-dokument. Ezebit numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "YF 1" sa "YF 9" (*a fol.* 17 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> l-Ufficjal Prosekutur ikkonfermat li rrizultalha li l-imputat u Catherine Vella kellhom kawza ta' separazzjoni bejniethom. Taqbel li l-flus li ssarrfu marru ghand it-tifla tal-konjugi Vella bhala rigal ta' tieg. Tghid li t-tifla ma gietx investigata. Tghid li minghajr il-firma tal-mara tal-imputat, il-pagament ma setax jigi rtirat. Ikkonfermat li Dok. "YF 7" (*a fol.* 27) gie mtella' mill-imputat u tghid li talbet lill-imputat sabiex jikteb "C Vella". Tghid li l-ittri li tuza l-*parte civile* ghall-firma taghha huma "C Vella".

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehdet ukoll **Catherine Vella** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li l-imputat huwa r-ragel taghha u li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet ilha li spiccat ghaxar snin. Tghid li ghadhom ghaddejjin bil-proceduri ta' separazzjoni waqt liema proceduri r-rapprezentanti tal-Eagle Star ipprezentaw xi karti u xehdu li polza ta' assigurazzjoni kienet giet imsarrfa. Tghid li hija rat li kien hemm il-firma taghha fuq dokument u tispjega li hi ma kienet iffirmat qatt xejn. Tghid li ghamlet kwerela rigward dan. Tixhed li din il-polza saret fiz-zwieg flimkien ma' zewgha l-imputat u li din ghamluha ghal meta jizzewwgu t-tfal. Tghid li Dok. "YF 2" (*a fol.* 19 *et seq.*) juri dak li kitbet hi meta giet mitluba tmur id-Depot tal-Pulizija. Meta rat Dok. "YF 3" (*a fol.* 21) qalet li fuq dan id-dokument qed tara l-kalligrafija tal-imputat u li fuqu m'hemmx il-kalligrafija taghha u li fuqu ma ffirmatx. Tghid li l-firma li tidher bhala taghha f'Dok. "YF 3" (*a fol.* 21) ma ghamlithiex hi. Tixhed li z-zewgt itfal taghhom izzewwgu: wahda zzewwget fil-21 ta' Marzu 2010 u l-iehor kien ser jaghlaq sena mizzewweg. Mistoqsija tghid jekk tafx x'sar minn dawn il-flus, wiegbet li t-tifla l-kbira qaltilha li missierha kien taha xi flus ghat-tieg. Tghid li l-hsieb taghha kien li meta taghlaq din il-polza, il-flus jinqasmu ugwalment bejn it-tfal. Tghid li ma tafx kemm kien l-ammont tal-polza finali.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li Dok. "YF 3" (*a fol.* 21) ratu dakinhar li kien qed isirilha l-kontro-ezami. Aktar tard tghid li fil-proceduri ta' separazzjoni rapprezentanti tal-Eagle Star hadu xi kopji u hi giet murija dawn il-karti.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, xehdet **WPS 249 Maruska Debattista** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn sarilha riferenza ghal Dok. "YF 2" (*a fol.* 19 *et seq.*) u spjegat x'inhu dan id-dokument.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, xehdet ukoll **WPC 256 Leanne Sant** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn, fost l-ohrajn, sarilha riferenza ghal Dok. "YF 7" (*a fol.* 27) u spjegat x'inhu dan id-dokument. Tghid li l-imputat gie mitlub jaghti *sample* tal-kalligrafija tieghu.
In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-Ufficjal Prosekutur Farrugia ma gieghlitx lill-imputat jiffirma pero talbitu jiffirma u hu accetta. Tghid li l-iSpettur Farrugia qalet lill-imputat biex jikteb "C. Vella".

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2013, xehdet **Audrey Ghigo** (rapprezentanta ta' HSBC Bank Malta plc – *a fol.* 66 *et seq.*) fejn ezebiet *image* ta' cekk bin-numru 7880 mahrug mill-kont numru 033076423004 datat 23 ta' Jannar 2009, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "AG 1" (*a fol.* 68). Tghid li dan ic-cekk gie depozitat f'kont bankarju li jsejjah lill-imputat. Tispjega li fuq ic-cekk hemm firma bin-numru tal-Karta tal-Identita' tal-imputat miktub. Dan gie mmarkat bhala Dok. "AG 2" (*a fol.* 69).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2013, xehed **PC 724 Carlo Pisani** (*a fol.* 76) fejn sarlu riferenza ghal Dok. "YF 2" (*a fol.* 19 *et seq.*) u spjega x'inhu dan id-dokument.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, xehed **Ivan Micallef** (*Managing Director* ta' Eagle Star (Malta) Limited - *a fol.* 95 *et seq.*) fejn wara li gie muri Dok. "YF 3" (*a fol.* 21) spjega li din hija *claim form* illi tintbaghat lill-klijenti taghhom meta timmatura polza u li fiha l-klijent jinfurmahom kif irid ic-cekk mahrug liema dokument ghandu jigi ffirmat minnu u, f'kaz li jkun mizzewweg, minn martu wkoll. Jghid li din il-formola tista' tigi mimlija d-dar tal-klijent jew l-ufficcju taghhom pero trid tintbaghat lilhom kopja tal-Karta tal-Identita' ta' min ikun qed jiffirma l-formola. Wara li ra Dok. "YF 4" (*a fol.* 22) jghid li dawn huma d-dokumenti li gew mibghuta minnhom lill-Ufficjal Prosekutur Farrugia. Jghid li l-polza in kwistjoni mmaturat f'Lulju 2007 u f'Jannar 2009 inhareg ic-cekk. Jghid li c-cekk inhareg lil Albert Vella, kif hemm fil-*claim form*. Jghid li l-firma tal-mara ta' Vella li tidher fuq il-*claim form* kienet simili ghal dik li kien hemm fil-Karta tal-Identita' taghha li giet mibghuta lilhom.

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi jghid min kienu l-beneficjarji tal-polza in kwistjoni, jghid li l-polza kienet tas-Sur Vella u hu jista' jiddeciedi lil min jithallas il-*maturity value*. Jikkonferma li l-istruzzjonijiet jehduhom minn ghandu.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, xehdet ukoll **Dr. Christine Cassar Torreggiani** (*a fol.* 98 *et seq.*) rigward dak li taf hi fuq dan il-kaz. Tghid li Catherine Vella kienet qaltilha li hi ma kienet iffirmat

l-ebda *claim form*. Tghid li minhabba dan giet mibghuta kwerela ghan-nom tal-klijenta taghha.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li kien hemm l-intiza li flus tal-polza jinghataw lit-tifla tal-konjugi Vella. Tikkonferma li fil-kawza ta' separazzjoni kien hemm kwistjoni fuq id-dar matrimonjali minhabba kredituri terzi. Tghid li saru jafu bis-sentenza fis-sena 2012 u li l-kwerela nkitbet fis-sena 2012.

Illi, in segwitu ta' Digriet datat 28 ta' April 2014 (*a fol.* 110 *et seq.*), fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2014, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 116 u 122) in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti.

Is-**Sur Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 126 u 127) in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti.

Is-**Sur Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 134 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 5" (*a fol.* 138 *et seq.*) fejn gie konkluz is-segwenti:

> "Illi wara li saru l-ezamijiet kaligrafici rikjesti bejn il-firem li jidhru miktubin fuq id-dokument YF 3 *a fol* 21 tal-process, u l-kampjuni tal-firma u tal-kaligrafija ta' Albert Victor Vella detentur tal-karta tal-identita numru 200858 (M) u ta' Catherine Vella detentrici tal-karta tal-identita numru 656363 (M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:
>
> 1. Illi l-punti karatteristici identifikati fil-kors tal-kitba tal-kliem **Albert Vella** li jidhru miktubin permezz ta' linka ta' lewn blu fil-parti tan-<u>**NOFS**</u> tad-dokument YF 3, ma' jaqblux mal-punti karatteristici li gew identifikati fil-kors tal-kitba ta' Albert Victor Vella u ta' Catherine Vella.
>
> 2. Illi l-punti karatteristici identifikati fil-kors tal-kitba fil-firma ***A. Vella*** li tidher miktuba permezz ta' linka ta' lewn blu fil-parti ta' <u>**ISFEL**</u> tad-dokument YF 3, jaqblu mal-punti

karatteristici li gew identifikati fil-firma ta' Albert Victor Vella.

3. Illi l-punti karatteristici identifikati fil-kaligrafija u l-kitba tan-numru li jidhru miktubin permezz ta' linka ta' lewn blu fil-parti ta' <u>**ISFEL**</u> tad-dokument YF 3, jaqblu mal-punti karatteristici li gew identifikati fil-kaligrafija u l-kitba tan-numri ta' Albert Victor Vella.

4. Illi l-punti karatteristici identifikati fil-kaligrafija u l-kitba tan-numru li jidhru miktubin permezz ta' linka ta' lewn blu fil-parti ta' <u>**ISFEL**</u> tad-dokument YF 3, ma' jaqblux mal-punti karatteristici li gew identifikati fil-kaligrafija u l-kitba tan-numri ta' Catherine Vella.

5. Illi l-punti karatteristici identifikati fil-kors tal-kitba li jidhru miktubin permezz ta' linka ta' lewn blu fil-firma ***C. Vella***, fil-parti ta' <u>**ISFEL**</u> tad-dokument YF 3, ma' jaqblux mal-punti karatteristici li gew identifikati fil-kaligrafija ta' Catherine Vella.

6. Illi l-punti karatteristici identifikati fil-kors tal-kitba li jidhru miktubin permezz ta' linka ta' lewn blu fil-firma ***C. Vella***, fil-parti ta' <u>**ISFEL**</u> tad-dokument YF 3, jaqblu mal-punti karatteristici li gew identifikati fil-kaligrafija ta' Albert Victor Vella".

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2014, xehdet ukoll **Gail Buttigieg** (*a fol.* 119 *et seq.*) fejn spjegat li hija bint l-imputat. Tghid li hija zzewwget fil-21 ta' Marzu 2010 u li bhala rigal missierha taha flus. Tghid li min ghaliha li kien taha elfejn Euro (€2000). Tixhed li ma staqsietux minn fejn kien gab dawn il-flus u tispjega li dawn il-flus gew investiti. Tghid li dan kollu gara qabel it-tieg u li ma ommha qatt ma tkellmet fuq dawn il-flus.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li fis-sena 2010 ir-relazzjoni tal-genituri taghha ma kienitx tajba. Tghid li kienet taf li l-genituri taghha kienu jinsabu ghaddejjin fi proceduri l-Qorti. Ma tifakarx kemm qabel it-tieg missierha taha dawn il-flus. Tghid li marru ghand *stock*

*broker* u l-flus gew investiti fi prodott. Tghid li dan id-dokument li giet moghtija mill-i*stock broker* kien isejjah lilha. Tghid li ommha tatha flus ukoll bhala rigal ghat-tieg.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "YF 6" – *a fol.* 24 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Farrugia, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "YF 5" – *a fol.* 23), Vella kkonferma li ilu ghal dawn l-ahhar disa' snin ma jghix ma' martu. Jghid li martu telqet mid-dar u f'Novembru/Dicembru 2009 regghet marret lura biex tirranga pero damet hemm xahar biss. Jikkonferma li kellu *life insurance* ma' Eagle Star u jghid li din kienet tieghu personali u jghid li kienet fuq ismu biss. Jghid li din saret waqt iz-zwieg u l-ftehim ma' martu kien li dawn il-flus kellhom ikunu rigal minn ghandhom it-tnejn ghat-tfal, kif fil-fatt sar. Meta gie muri l-*claim form* mertu ta' dawn il-proceduri, gharaf fuqha l-firma tieghu. Jghid li meta martu kienet marret lura ghandu, qaltlu li kien hemm *insurance* maghluqa u li kienet skadiet xi sentejn qabel u kienu sarrfuhom biex jaghtuhom lit-tifla l-kbira taghhom Gail bhala rigal tat-tieg. Jaqbel li t-tifla zzewwget fil-21 ta' Marzu 2010. Jahseb li l-*claim form* iffirmah id-dar. Jghid li kien mar wahdu l-Eagle Star ghal dan id-dokument. Ma jafx ta' min hi l-kitba l-ohra li tidher fuq dan id-dokument. Ikkonferma li kien mar bil-*claim form* u gabar ic-cekk ta' €4682.80 li hareg fuq ismu. Meta gie muri c-cekk, jghid li, jekk jiftakar sew, dan kien ghaddieh lil bintu pero qal li jista' jkun li sarrfu. Ikkonferma li l-firma li tidher fuq il-parti ta' wara tac-cekk hija tieghu. Ghad-domanda: *"Qed nerga' naghmel riferenza ghal Statement of Claim on Maturity ta' l-Eagle Star. Il-firma li saret fl-ispazju "Signature of Claimaint's spouse" min ghamilha?"* (*a fol.* 26), wiegeb: *"Mhux jien"* (*a fol.* 26). Jaqbel li minghajr din il-firma l-polza ma setghetx tigi msarrfa. Jichad li ffirma hu flok martu. Jghid li meta saret din il-karta, martu kienet id-dar mieghu. Jghid li l-*claim form* imtliet meta martu kienet marret id-dar. Jghid li dan inghata lil binthom qabel izzewwget. Ghas-suggeriment: *"Jekk nghidlek li kont inti li qbadt u ffirmajt l-applikazzjoni f'isem il-mara Catherine Vella minghajr ma hija kienet taf biex din eventwalment tigi prezentata l-Eagle Star, xi tghid?"* (*a fol.* 26), wiegeb: *"Nghidlek le"* (*a*

*fol.* 26). Jichad li hu qabbad lil xi hadd iehor biex jaghmel il-firma ta' martu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti kif mahsub, fost l-ohrajn, fl-Artikoli 183, 184, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**:

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li kif inhi postulata l-ewwel (1) imputazzjoni fic-*charge sheet* kontra l-imputat jirrizulta li din tirrigwarda biss Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kien biss fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju li l-Avukat Generali kien tal-fehma li, apparti Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat kellu jigi ggudikat ukoll taht Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan apparti Artikoli ohra ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota in kwistjoni.

Illi dak li ser taghmel l-Qorti f'dan l-istadju huwa li tara jekk jirrizultawx pruvati Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi", Artikolu 309 tal-Kapitolu msemmi jirrigwarda "Kazijiet ohra ta' qligh b'qerq".

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*
>
> *Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*
>
> Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.
>
> Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.
>
> Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.
>
> Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:
>
> (a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
> (b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
> (c) ta' kwalifiki foloz jew
> (d) billi jinqeda b'qerq iehor u
> (e) ingann jew

(f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
(g) jew ta' hila;
(h) setgha fuq haddiehor jew
(i) ta' krediti immaginarji jew
(j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza **Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech** (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi*

*tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179).*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

*"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima*

> *fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq, tinnota li, f'dan il-kaz, il-*parte civile* tilmenta li hija ma ghamlitx il-firma li tidher bhala taghha fid-dokument msejjah bhala *"Statement of Claim on Maturity"* (Dok. "YF 3" – *a fol.* 21). Da parte tieghu, l-imputat jichad li huwa ghamel il-firma ta' martu.

Illi d-difiza, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (precizament *a fol.* 224), targumenta li l-espert tal-kalligrafija ma kienx inkarigat sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-firma ta' Catherine Vella u l-firma fuq Dok. "YF 3" (*a fol.* 21). Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tad-digriet moghti minnha fit-28 ta' April 2014 (*a fol.* 110 *et seq.*), il-Qorti hija tal-fehma li fl-argument taghha appena citat, id-difiza ghandha ragun u dana *stante* li s-Sur Joseph Mallia kien inhatar bhala espert *"sabiex jiehu kampjun tal-kalligrafija <u>minn ghand l-imputat</u> ai fini ta' ezami komparattiv mal-firem li jinsabu fuq id-dokument li jinsab a fol. 21 tal-atti processwali"* [emfazi mizjuda] (*a fol.* 112). Is-Sur Mallia ma kienx inghata l-inkarigu li jiehu kampjun tal-kalligrafija tal-*parte civile*. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tiskarta dawk il-konkluzjonijiet raggunti mis-Sur Joseph Mallia fir-rapport tieghu liema konkluzjonijiet jirrigwardaw l-ezami komparattiv tal-firma tal-*parte civile* u l-firem fuq id-dokument in kwistjoni.

Illi, minkejja dak li nghad fil-paragrafu precedenti, tenut kont tal-provi mismugha, b'mod partikolari tal-fatt li fil-mument li gie mimli Dok. "YF 3" (*a fol.* 21), l-imputat u martu kienu jinsabu fi stadju ta' separazzjoni bejniethom u l-fatt li l-imputat kellu bzonn il-firma ta' martu sabiex jinhareg ic-cekk relattiv ghal polza u tenut kont ukoll tal-fatt li l-*parte civile* tichad li hi ffirmat fuq dan id-dokument u tal-fatt li c-cekk gie depozitat fil-kont bankarju tal-imputat, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li effettivament l-firma tal-*parte civile* fuq id-dokument in kwistjoni saret mill-imputat stess!

Illi l-Qorti tinnota li l-ammont ta' flus li gie mhallas lill-imputat wara li gie ffirmat Dok. "YF 3" (*a fol.* 21) huwa dak ta' €4682.80. Dan jirrizulta minn Dok. "AG 1" (*a fol.* 68). Il-Qorti semghet kif il-flus tal-polza in kwistjoni nghataw lit-tifla tal-konjugi Vella bhala rigal tat-tieg. Pero l-Qorti tinnota wkoll li ma jirrizultahliex li l-ammont <u>kollu</u> gie moghti mill-imputat lil bintu u dana *stante* li ghad-domanda: *"Tiftakar kemm ircevejt? Bejn wiehed u iehor"* (*a fol.* 119), bint l-imputat wiegbet: *"Minn ghalija kienu xi elfejn Euro nahseb"* (*a fol.* 119). B'hekk il-Qorti ma tafx fejn marru l-bqija tal-flus in kwistjoni.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, b'mod partikolari tal-fatt li bil-firma li l-Qorti hija konvinta li giet maghmula mill-imputat, liema firma suppost kellha tkun dik ta' martu, is-socjeta' Eagle Star (Malta) Limited harget ic-cekk relattiv u dan gie depozitat fil-kont bankarju tal-imputat stess kif xehdet ir-rapprezentant tal-bank, il-Qorti hija tal-fehma li filwaqt li ma tirrizultax htija fl-imputat taht Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li dak li jipprovdi dan l-Artikolu ma giex sodisfacentement pruvat, l-imputat ghandu jinstab hati talli ghamel qligh b'qerq kif jiddisponi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li jirrizulta li l-ammont intier tac-cekk mahrug mill-Eagle Star gie depozitat fil-kont bankarju tal-imputat u bint l-imputat xehdet li hija giet moghtija madwar elfejn Euro (€2000) biss u b'hekk dak li ghamel l-imputat jammonta ghal qerq kif jipprospetta Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**:
Illi t-tieni imputazzjoni tikkoncerna Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq [...]"*. Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel [...]"*. B'hekk filwaqt li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx

ufficjal pubbliku", Artikolu 184 tal-Kapitolu msemmi jirrigwarda "Min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz".

Illi ma jirrizultax li d-dokument li saret il-firma tal-*parte civile* fuqha, cioé Dok. "YF 3" (*a fol.* 21) huwa att awtentiku u pubbliku, jew inkella skrittura kummercjali jew ta' bank privat kif jirrikjedi l-Artikolu 183 hawn fuq imsemmi. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova dak li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi.

Illi, fir-rigward ta' Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li ladarba l-imputat ghandu jitqies il-persuna li ghamel il-firma ta' martu fuq id-dokumenti in kwistjoni u ladarba l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaldaqstant, l-imputat, tenut kont ta' dak li jipprovdi Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistax jinstax hati taht l-Artikolu 184 imsemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ser jinstab hati biss taht Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat u li gie pruvat, il-fedina penali (Dok. "YF 9" – *a fol.* 29 *et seq.*) tal-imputat, li minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja, il-fatt li gie pruvat li parti mill-flus li l-imputat ircieva gew moghtija lil bintu bhala rigal tat-tieg u kif ukoll l-istat li kien fih iz-zwieg tal-konjugi Vella meta sehh ir-reat in kwistjoni u fejn kienu waslu huma fil-proceduri ta' separazzjoni bejniethom. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-piena li kienet temergi minn Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien meta sehh dan ir-reat. Il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat ma tkunx wahda idonea. Il-Qorti hasbet fit-tul jekk kelliex tapplika sentenza ta' prigunerija sospiza jew inkella kelliex tapplika Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont tal-

konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat, ragel ta' kwazi sittin sena li ma ghandux kondotta refrattarja, u minghajr ma tnaqqas il-gravita' tar-reat minnu kommess, ghandu jinghata sentenza li permezz taghha huwa jaghraf li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirrepetih altrimenti jkun hemm konsegwenzi serji. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif dedotti fic-*charge sheet* u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Novembru 2014 u senjatament Artikoli 309[1] u 310(1)(a)[2] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Albert Victor Vella hati talli ghamel qliegh b'qerq kif jipprovdi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas fi zmien xahar millum l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' disa' mija u sebgha u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€927.55).[3]

---

[1] Kif kien vigenti meta sehh ir-reat in kwistjoni.
[2] *Ibid.*
[3] Dok. "JM 5" (*a fol.* 191).

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**